ngħa kbira, drenaġġjat u vventulat u miżmum sħun, bil-fwar tal-misħun fit-tubi tal-ħadid. Il-qiegħa tal-maqjel tinqala' biex tista' tiġi mnaddfa u ddisinfettata kull jum. Is-sodda tat-tiben tal-qamħ ir-rum tiġġedded kull jum u tiġi moħmija qabel ma tkun mifruxa. Il-baqar jiġu mnaddfa tajjeb u wara illi jkunu eżaminati bosta drabi minn tobba speċjalisti; jinbeda għal tlitt ijiem sħaħ it-tindif tas-sider tal-baqra u mita jkun nadif għal kollox, il-baqra tiġi mlaqqma bil-*varjola* "metodu Tedesk" jew bil-*vaċċin* "metodu Svizzeru". Wara tlitt ijiem sider il-baqra jintela' bil-bżieżaq illi wara tlitt ijiem oħra jintlew bil-marċa.

Ma' tul il-marda kollha, sider il-baqra jinżamm mgħotti ġewwa boros tal-gomma lastika jew ta' l-inċirata rqiqa midluka bil-vasellina antisettika. Dawn il-boros jiġu miftuħa mit-tobba speċjalisti fi kmamar imhejjija għalhekk fejn il-baqra tiġi mraqqda bil-*chloroform* fuq sodod tal-metal u fuq friex tal-għażel bla ebda tinġisa. Il-marċa u l-polpa tal-bżieżaq tiġi miġbura fi fliexken tal-kristall diġa' moħmija għalhekk u hekk isir il-*vaċċin* illi jiġi mħallat mal-gliċerina u mqassam f' tubi żgħar għat-tilqim tal-bniedem. Kull baqra wara li jeħdulha l-*vaċċin* tiġi maqtula u jsir fuqha l-isbarr sabiex ma jkunx hemm l-ebda biża' ta' mard illi jista jittieħed mill-bniedem.

Milli għedna jidher biċ-ċar illi l-*vaċċin* tal-lum ma fih l-ebda biża' ta' tinġis b'mard ikrah illi dari kien ibażża' lill-bniedem, mard tat-*tétanu*, *tar-rsipla*, *tal-morva* u mard ieħor illi ma hemmx għalfejn noqgħod insemmih. Il-marda illi ġġib it-tilqima ma fiha l-ebda biża'. Għaldaqshekk jidhrilna illi jaqbel wisq li wieħed ikun imlaqqam għaliex jista' joqgħod bi kwietu illi ma jirkebx il-ġidri. Waqt l-imxijiet, il-bżonn illi wieħed jitlaqqam jinħass wisq aktar, għaliex barra milli jkun qiegħed jarma ruħu kontra l-mard, ikun fl istess ħin qiegħed igħin lill-pajjiżu biex jeħles mill-imxija li tbiegħed wisq passiġġieri u ttellef wisq flus lill-pajjiż. Fl-Ingilterra fejn il-liġi tat-tilqim m'hix ta' bil-fors għal kollox bħal ma hi f'Malta hemm dan il-mument il-ġidri bħal ma kellna l-ġidri f'Malta. Fl-Ingilterra f'belt waħda illi għandha popolazzjoni wisq iżgħar minn ta' Malta, fl-ewwel ġimagħtejn ta' l-imxija kellhom 500 każ tal-ġidri, fil-waqt illi f'Malta f'ħames xhur ma kelniex żewġ tużżani! Tafu xejn dan għaliex ġara? Il-għaliex il-għadd tan-nies m'hix imlaqqma fl-Ingilterra huwa bil-bosta akbar minn dak ta' Malta. Dan jidhrilna li juri biż-żejjed x'ifisser it-tilqim.

S. B.

# ĠENS IL-MALTI

*Lill-Prof. T. Zammit,*
*għal kull ma għamel għal Ġensna.*

Trid taf mnejn ġejja l-ħila fix-xogħ'l jiebes,
Ix-xeħt' għaqlija, l-għerf fi lsien barrani,
Mnejn ġejja l-ġibda lejn allat pajjiżek
U mħabbet darek?

Kollox minn ġensek: ġens li jaf elf ġrajja
U kien ewlieni fost il-ġnus bikrin,
Ġens illi bennen għerf u ġieh l-Ewropa
Fis-snin minsija.

Ħares ma' dwarek, żur imqades Malta,
Ifli t-tnaqqixa fuq il-Ħaġar Kbir,
Stagħġeb bi ġmielhom, isma' lill-barrani
Jgħid li mkien bħalhom;

Inżel fil-qbura li ħallew fil-Qedem;
Fittex l-għamara mal-mejtin midfuna,
Tgħallem għamilha u ssib li l-lum ħadd bħalha
Ma jaf ifassal.

U jekk trid taf min kellu da l-għerf kollu
U min di l-ħajra kellu għas-Sabiħ,
Min għaraf jibni dak li ż-Żmien ma waqqa'
F'tas-snin il-ħarba,

Ħa' ngħidlek jiena min, għax bżonn titgħallem
Għandek bil-bosta ħalli tqajjem rixek:
Dan xogħ'l il-Malti fl-ibgħad snin mitlufa
Fi Żmien il-Ħaġar.

Għax il-ġens tiegħek dejjem ġens ta' ħila,
Ġens ihobb Dinu, moħħu biss fix-xogħ'l,
B'ħeffa jitgħallem, jirkeb lill-barrani,
Ġens qatt irsir.

Ħija ġo qalbek għożżha dit-tagħlima,
Li n-nies Maltija ġens mil l-ewwel nett
U qatt ma tista' ġġerrah rix ħaddieħor
Għax għandha tagħha.

1925

R. Briffa.